# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Dicembru 2016**

**Kawza Numru : 33**
**Rikors Guramentat Numru : 656/2016/LSO**

**Giovanna sive Jeanette Caligari Conti (ID 0127342(M))**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Giovanna sive Jeanette Caligari Conti datat 5 ta' Awwissu 2016 fejn esponiet: -

Illi r-rikorrenti giet registrata fil-parti ndikat “F'sem il-Wild” fuq ic-certifikat tat-twelid taghha bhala Giovanna u dan kif jirrizulta mill-ahhar estratt tat-Att tat-Twelid anness u mmarkat bhala Dok JCC.

Illi pero` r-rikorrenti ilha hajjitha u konsistentement imsejha bhala Jeanette u dan kif sejjer jigi ampjament ippruvat matul is-smigh ta' din il-kawza u kif diga` jirrizulta minn dokumenti annessi.

Illi r-rikorrenti f’ dawn l-ahhar zminijiet ricenti giet infurmata minn diversi setturi li l-annottazzjoni taghha *qua sive* Jeanette sejra tieqaf.

Illi pero` hija tixtieq li ma jkun hemm l-ebda problema ohra bl-isem taghha u li hi fil-fatt hija Jeanette u mhux Giovanna.

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza u dan *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija u kienet konsistentement imsejha huwa "Jeanette" u minflok "Giovanna" u dan *a tenur* ta' l-artikolu 253(2) tal-Kap. 12.

2. Tordna li l-isem kif jidher fic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici jinbidel ghal "Jeanette".

3. Tordna li l-bdil effettwat fl-att tat-twelid *ai fini* tat-tieni talba jigi rifless f’ kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti.

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt in subizzjon

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta’ Novembru 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 26 ta’ Settembru 2016 (fol 41) fejn Dr Byron Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur tieghu ddikjara u kkonferma :-

1. Illi *in linea* preliminari jinghad illi huwa mehtieg li tal-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi bla hsara ghal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirrizultax kemm mid-dikjarazzjoni mahlufa tar-rikorrenti kif ukoll mill-Att ta' Twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1273 tas-sena 1942, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jiddikjara li ma jsibx oggezzjoni ghal annotazzjoni fl-att tat-twelid ta' isem ir-rikorrenti fil-kolonna *'Isem jew Ismijiet li*

*bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* u cioe' li jigi jinqara 'Jeanette' minflok 'Giovanna' salv pero` li huwa m'ghandhux jinzamm responsabbli;

4. Illi ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero` li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

5. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghda tigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 1 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Joseph Gatt u Dr David Camilleri ghall-attrici u Dr Graziella Tanti ghall-intimat. L-attrici giet awtorizzata tipprezenta l-affidavit fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dan id-digriet bin-notifika/*visto* tad-difensur tal-kontro-parti, u ghajr ghal din il-prova jiddikjara li m'ghandux provi ulterjuri. Dr Gatt irtira t-talba ghall-ispejjez. Id-difensuri tal-partijiet qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza in difetto ostakolu. Il-kawza giet differita ghas-

sentenza in difetto ostakolu ghall-15 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fit-8 ta' Awwissu 2016 (fol 37) ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tad-direttur intimat hija sorvolata.

Illi r-rikorrenti qed titlob li l-isem taghha kif registrat fl-att tat-twelid jigi korrett billi jitnizzel l-isem "Jeanette" minflok "Giovanna" *stante* li ilha hajjitha imsejha u konsistentement maghrufa bhala "Jeanette".

Illi fil-mertu, r-rikorrenti trid tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa konsistentement bl-isem "Jeanette". Ghal dan il-ghan hija esebiet diversi dokumenti u atti li jikkonfortaw it-talba taghha. Inoltre, r-rikorrenti xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kienet imsejha bl-isem "Jeanette" u dan gie kkorroborat minn diversi xhieda li xehdu b'affidavit.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielha tipprova li sa minn tfulitha hija konsistentement kienet maghrufa bl-isem "Jeanette", u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata kif trid il-Ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Rigward il-kap tal-ispejjez, din it-talba giet irtirata mir-rikorrenti ghalkemm din il-Qorti wkoll taqbel mat-tezi tal-intimat li hawn mhux il-kaz ta' zball imputabbli lilu.

Rigward it-tielet talba, din mhix konformi mal-artikolu 253(3) tal-Kap 16 billi l-atti ma gewx indikati bin-numru u s-sena relattivi. Inoltre l-Agenzija li temani l-passaporti u karti tal-identita` mhix parti minn dawn il-proceduri izda l-Qorti tifhem li ghandhom jaddottaw il-konnotati kif imnizzla u korretti fl-att tat-twelid tar-rikorrenti.

Ghaldaqstant ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba sabiex izzomm fermi d-drittijiet tar-rikorrenti li terga' tirrikorri in gudizzju ghall-korrezzjonijiet f'atti ohra jekk ikun il-kaz.

## III **KONKLUZJONI**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija u kienet konsistentement maghrufa huwa “Jeanette” minflok “Giovanna” *ai termini* tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li l-isem tat-tarbija li jidher fl-att tat-twelid numru 1273 tas-sena 1942 jigi korrett billi l-isem “Giovanna” ghandu jigi sostitwit bl-isem “Jeanette”.

3. Rigward it-tielet talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha ghar-ragunijiet spjegati.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b’kopja tas-sentenza ta’ din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**15 ta' Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru 2016**